MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 893/2007

**Vodafone Malta Limited**
**(C 10865)**

**Vs**

**Simon John Leslie Woodhead**
**(I.D. 19014A)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob il-hlas tas-somma t'elf, erba' mija u sebgha euro u tlettax-il centezmu (€1,407.13) - (LM604.08) in kwantu ghal seba' mija u wiehed u hamsin euro u tlieta u hamsin centezmu (€751.53) - (LM322.63) in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99828381 u sitt mija u hamsa u hamsin euro u sittin centezmu (€655.60) - (LM281.45) in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99878685.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'elf, erba' mija u sebgha euro u tlettax-il centezmu (€1,407.13) - (LM604.08), bl-imghax dekoribbli skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2326/07, huma a karigu tal-konvenut.

Av. Dr. Gabriella Vella
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------